MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 376/2005/1

**Bank of Valleta plc**

**v.**

**Vincent Albert Muscat u Esther Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat fit-22 ta’ April 2005 mis-socjeta` Bank of Valletta plc li jaqra hekk:
“Illi b’att pubbliku tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Gunju 1991, fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa l-intimat Vincent Albert Muscat ikkostitwixxa ruhu bhala debitur veru cert u likwidu tar-rikorrent (dak iz-zmien maghruf bl-isem ta’ Bank of

Valletta Limited) fis-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf u erbghin lira (LM21,040), *oltre* imghaxijiet skond pattijiet u kondizzjonijiet miftehma fl-istess kuntratt hawn annessa u mmarkat Dok “A”;

“Illi dan il-kuntratt gie rez ezekuttiv b’ittra ufficjali tal-15 ta’ Frar 1993, hawn annessa u mmarkata Dok “B”;

“Illi permezz ta’ sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Jannar 2000, fl-ismijiet **“Vincent Albert Muscat vs Rudolph Xuereb *nomine*”** (Cit. Nru.1531/93JF) hawn annessa u mmarkata Dok “C”, l-Qorti ddikjarat li ddekorrew l-iskadenzi kollha kontemplati fil-parametri tal-benificcju tat-terminu akkordat lid-debitur fil-kuntratt fuq imsemmi.

“Illi issa ghaddew aktar minn hdax-il sena minn meta r-rikorrent seta’ jesegwixxi t-titolu tieghu.

“Illi d-debitu ghadu ma thallasx; kif jirrizulta mill-prospetti hawn annessa u mmarkati Dok “D1” u “D2” mahduma skond is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Dok “C”).

“Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi *ai termini* tal-**artikolu 258 tal-Kap 12**, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-imsemmi kuntratt tas-26 ta’ Gunju 1991, jerga’ jigi rez ezekuttiv.

Rat it-risposta ta’ Esther Muscat (fol. 28) li in forza taghha wiegbet:
“Illi fit-8 ta’ Gunju 2006, l-esponenti giet notifikata b’avviz tas-smiegh tar-rikors fl-ismijiet premessi u bid-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta’ Mejju 2006.

“Illi pero` l-esponenti ma gietx notifkata bir-rikors promotur skond id-digriet precitat u ghalhekk hija m’hijiex f’posizzjoni li tirrispondi b’mod ezawrjenti ghat-talbiet tar-rikorrenti.

“Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponenti tirrileva li hija separata legalment minn zewgha l-intimat Vincent Albert Muscat permezz ta’

sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim Awla fl-ismijiet: Esther mart Vincent Albert Muscat debitament awtorizzata biex tistitwixxi din il-kawza b'digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili numru 327/90 vs l-istess Vincent Albert Muscat [citazzjoni numru 521/1990], deciza fil-15 ta' Ottubru 2002. l-esponenti qed tipprezenta kopja nformali ta' din is-sentenza *stante* li ma kellhiex zmien bizzejjed biex iggib kopja legali tal-istess [Dok "A"].

"Illi permezz tal-imsemmija sentenza, il-Qorti fost affarijiet ohra ordnat li "*il-konvenut ghandu jhallas u jaghmel tajjeb ghal kull dejn jew pendenzi gravanti l-komunjoni tal-akkwisti u ghandu jaghmel tajjeb bil-privileggi u drittijiet skond il-Ligi senjatament bil-proprjeta` tar-restaurant f'Ball Street*".

"Illi ghalhekk *ai termini* tas-sentenza precitata kwalsiasi debitu gravanti l-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm ezistenti bejn il-konjugi Muscat ghandu jkun a karigu tal-initmat Vincent Albert Muscat.

"Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz l-esponenti taghmel riferenza ghall-Mandat ta' Inibizzjoni akkordat mill-Qorti Civili, Prim Awla fl-14 ta' Mejju 1990, fl-ismijiet:-  Esther Muscat vs Vincent Albert Muscat, li permezz tieghu l-Qorti laqghet it-talba tal-esponenti sabiex *a tenur* tal-artikolu 470A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kap. 12] ordnat li l-intimat Vincent Albert Muscat jigi pprojbiet, fost affarijiet ohra milli *"jaghmel xi dejn li jkun a karigu tal-komunjoni tal-akkwisti, wkoll jekk dan id-dejn jinholoq minn xi pleggerija, jew xi azzjonijiet li ghandu l-intimat f'xi socjetajiet kummercjali li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti".*

"Illi dan il-Mandat gie debitament insinwat fis-16 ta' Mejju 1990 fit-3.30 p.m. [Dok "B"].

"Illi ghalhekk l-esponenti bl-ebda mod m'hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti  u m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-istess socjeta` rikorrenti.

Illi l-esponenti tirrizerva li tipprezenta risposta ulterjuri ladarba tigi notifikata bir-rikors promutur.

“Tant l-esponenti ghandha l-unur tissottometti ghas-savju u superjuri gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.”

Rat ir-risposta ulterjuri ta’ Esther Muscat (fol. 46) li in forza taghha kompliet tghid:
“1. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qed jitlob li l-kuntratt tas-26 ta’ Gunju 1991 jerga’ jigi rez ezekuttiv.

“2. Illi l-kuntratt tas-26 ta’ Gunju 1991 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Clyde La Rosa, sar bejn is-socjeta` attrici u l-intimat Vincent Albert Muscat. Mid-dokumenti ezebiti mis-socjeta` rikorrenti , jidher li giet ipprezentata ittra ufficjali fil-15 ta’ Frar 1993 mis-socjeta` rikorrenti biex dan il-kuntratt jigi rez ezekuttiv fil-konfront ta’ Vincent Albert Muscat.

“3. Illi kif gja rilevat fl-ewwel risposta taghha, l-esponenti hija legalment separata minn zewgha l-intimat Vincent Albert Muscat permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim’ Awla fl-ismijiet: Esther mart Vincent Albert Muscat vs l-istess Vincent Albert Muscat [Citazzjoni numru 521/1990] deciza fil-15 ta’ Ottubru 2002. Malli sseparat *de facto* minn zewgha u ndbew il-proceduri ghas-separazzjoni personali l-esponenti pprezentat Mandat ta’ Inibizzjoni, liema Mandat gie akkordat mill-Qorti Civili, Prim’ Awla fl-14 ta’ Mejju 1990 fl-ismijiet: Esther Muscat vs Vincent Albert Muscat, li permezz tieghu l-Qorti laqghet it-talba tal-esponenti sabiex *a tenur* tal-artikolu 470A tal-Kodici ta’ organizzazzjoni u Procedura Civili [Kap.12] ordnat li l-intimat Vincent Albert Muscat jigi pprojbit, fost affarijiet ohra milli ***“jaghmel xi dejn li jkun a karigu tal-komunjoni tal-akkwisti, wkoll jekk dan id-dejn jinholoq minn xi pleggerija, jew xi azzjonijiet li ghandu l-intimat f’xi socjetajiet kummercjali li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti”.*** Dan il-mandat gie debitament insinwat fis-16 ta’ Mejju 1990 fit-3.30 p.m.

“4. Illi ghalhekk jirrizulta li l-kuntratt li sar bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimat Vincent Albert Muscat, sar kontra t-

termini tal-Mandat ta' Inibizzjoni u ghalhekk m'ghandux japplika fil-konfront tal-esponenti Esther Muscat u d-dejn in kwistjoni m'ghandux ikun a karigu tal-komunjoni tal-akkwisti.

"5. Illi ghar-rigward l-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 1993, jigi rilevat li mhux biss id-dokument ezebit m'huwiex komplut fis-sens li ma tirrizultax in-notifika ta' din l-ittra ufficjali lill-intimat Vincent Albert Muscat, izda din lanqas biss giet notifikata lill-esponenti.

"6. Illi ghar-rigward is-sentenza msemmija fir-rikors promotur deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet:- Vincent Albert Muscat vs Rudolph Xuereb *nomine* [Citazzjoni numru 1531/93 JF], l-esponenti tirrileva li hija qatt ma kienet parti ghal din il-kawza.

"7. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tissottometti li permezz tas-sentenza precitata fejn giet dikjarata s-separazzjoni legali bejn l-intimati, il-Qorti fost affarijiet ohra ordnat li *"il-konvenut* [Vincent Albert Muscat] *ghandu jhallas u jaghmel tajjeb ghal kull dejn jew pendenzi gravanti l-komunjoni tal-akkwisti u ghandu jaghmel tajjeb bil-privilegg u drittijiet skond il-Ligi senjatament bil-proprjeta` tar-restaurant f'Ball Street".*

"8. Illi ghalhekk *ai termini* tas-sentenza precitata kwalsiasi debitu gravanti l-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm ezistenti bejn il-konjugi Muscat ghandu jkun a karigu tal-intimat Vincent Albert Muscat.

"9. Illi l-esponenti m'hijiex debitrici tas-socjeta` rikorrenti u m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-istess socjeta` rikorrenti.

"10. Illi ghar-ragunijiet precitati t-talba tar-rikorrenti m'ghandhiex tigi milqugha fil-konfront tal-esponent Esther Muscat.

"Tant l-esponenti ghandha l-unur tissottometti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Gunju, 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza:
“... ... ... billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-intimata Esther Muscat biss in kwantu l-istess hija kompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba tas-socjeta` rikorrenti kif proposta biss fil-konfront tal-intimat Vincent Albert Muscat, izda tichad l-istess talba fil-konfront tal-intimata Esther Muscat** ghar-ragunijiet hawn moghtija f’din id-decizjoni.

“Bl-ispejjez kontra l-intimat Vincent Albert Muscat.”

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din hija procedura abbazi tal-**artikolu 258 tal-Kap 12** li jinghad li:-

*“Wara l-gheluq ta’ hames snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi t-titolu esekuttiv imsemmi fl-artikolu 253 seta’ jigi esegwiet, l-esekuzzjoni tista’ ssir biss wara talba maghmula b’rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Ir-rikorrenti ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-ezekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu ghadu dovut”.*

“Illi f’dan il-kaz l-esekuzzjoni hija ta’ kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datat 26 ta’ Gunju 2001 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa u li gie res eskuttiv permezz ta’ ittra ufficjali datata 15 ta’ Frar 1993 notifikata lill-intimat Vincent Albert Mizzi, li dak inhar u skond il-ligi vigenti kien jirrapresenta l-komunjoni tal-akkwisti. Tali titolu esekuttiv gie kkonfermat b’sentenza fl-ismijiet **“Vincent Albert Muscat vs Rudoph Xuereb nomine”** mill-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 28 ta’ Jannar 2000.

“Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li t-talba tar-rikorrenti a bazi tal-artikolu 258 ghandha u qed tigi milqugha kontra l-intimat Vincent Albert Muscat.

“Illi l-intimata l-ohra gabet diversi oggezzjonijiet fosthom li kien hemm sentenza ta’ separazzjoni fl-ismijiet **“Esther**

**Muscat vs Vincent Albert Muscat"** datata 15 ta' Ottubru 2002 fejn jinghad li l-istess intimat odjern kellu jinzamm responsabbli ghad-dejn tal-komunjoni. Fil-fatt hekk jinghad fl-istess sentenza izda din hija *res inter alios acta* ghas-socjeta` rikorrenti u b'hekk bhala tali l-istess decizjoni ma tistax *per se* twaqqaf li din it-talba a bazi tal-**artikolu 258** tigi milqugha anke fil-konfront tal-intimata. Ovvjament kull dritt li l-istess intimata ghandha kontra l-intimat ukoll a bazi ta' din is-sentenza jibqa' mpregudikat.

"Illi la darba l-procedura odjerna hija biss skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 258 tal-Kap 16** dak li l-Qorti trid tezamina sabiex tawtorizza l-esekuzzjoni tas-sentenza huwa biss li tinvestiga: (i) li hemm titolu esekuttiv (ii) li ghaddew iktar minn hames snin minn meta setghet issir l-esekuzzjoni tal-istess (iii) li l-ammont ghadu dovut (iv) li l-intimati huma l-istess legittimi kontraditturi dwar it-titolu esekuttiv indikat. (**"George Pace vs Charles Gauci"** – P.A. (PS) 24 ta' Novembru 2004).

"Illi mill-atti processwali hawn esebiti jirrizulta li l-istess elementi kollha gew sodisfatti hlief ghall-fatt li l-intimata kienet notifikata dwar l-istess titolu eskuttiv l-ewwel darba b'dawn il-proceduri u dan qed isir peress li llum kemm il-mara u kemm ir-ragel jirrapresentaw il-komunjoni tal-akkwisti u dan b'sehh mill-emendi li saru fis-sena 1995.

"Illi dan huwa sinifikanti anke peress li skond l-**artikolu 256 (2) tal-Kap 12**, l-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv iehor (li mhux sentenza definittiva) ma jistax isir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju.

"Illi dan jidher li ma sehhx fil-konfront tal-intimata, ghaliex ghalkemm dan ma kienx mehtieg li jsir fil-konfront taghha fis-sena 1993, b'effett mis-sena 1995 tali att kellu jsir ukoll fil-konfront tal-mara, u b'hekk kemm-il darba l-esekuzzjoni qed tigi ttentata li ssir llum, din il-Qorti thoss li prerekwiziet ghat-talba kontra l-intimata abbazi tal-**artikolu 258**, huwa li ssir in-notifika jew sejha skond id-diposizzjonijiet tal-**artikolu 256**, haga li sallum baqghet ma saritx fil-konfront tal-intimata.

“Illi dan qed jinghad peress li din il-Qorti thoss ukoll li ghalkemm tali notifika ma kenitx necessarja fis-sena 1993, din it-talba hija necessarja li ssir fis-sena 2007, d-data meta allura ghall-ewwel darba qed jintalab li tali titolu jigi res eskuttiv anke fil-konfront tal-intimata, u dan wara dan iz-zmien kollu – b’hekk li din il-Qorti thoss li l-htiega tan-notifika skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 256** hija mehtiega llum ukoll fil-konfront taghha, u dan dejjem minhabba l-provedimenti tal-**artikolu 1322 (2) tal-Kap 16** (li gew in effett fis-sena 1995) u forsi iktar u iktar fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami *in vista* tal-pronunzjamenti gudizzjarji ndikati mill-intimata fir-risposta taghha.

“Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti qed tigi milqugha biss fil-konfront tal-intimat Vincent Albert Muscat, izda f’dan l-istadju michuda fil-konfront tal-intimata Esther Muscat.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-Bank of Valletta plc tat-2 ta’ Lulju 2007 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:
“... ... ... joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu laqghet it-talba tas-socjeta` rikorrenti kif proposta fil-konfront tal-intimat Vincent Albert Muscat, u tirrevokaha in kwantu cahdet it-talba fil-konfront tal-intimata Esther Muscat, u minflok tilqa’ t-talba tas-socjeta` rikorrenti fil-konfront ukoll tal-intimata Esther Muscat oltre fil-konfront tal-intimat Vincent Albert Muscat; Inoltre din l-Onorabbli Qorti tal-Appell hija konsegwentement mitluba tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu allokat l-ispejjez kollha tal-prim istanza kontra l-intimat Vincent Albert Muscat u talloka nofs l-ispejjez imsemmija lill-intimata appellata; bl-ispejjez ta’ dan l-appell kontra l-intimata appellata.”

Rat ir-risposta ta’ Esther Muscat li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li s-sentenza ghandha tigi konfermata fl-interita` taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta’ Ottubru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta` gia` attrici Bank of Valletta plc. qed titlob li jigi ravvivat it-titolu ezekuttiv li ottjeniet fi Frar tal-1993, wara li b’Ittra Ufficjali tal-15 ta’ Frar, 1993, irrendiet ezekuttiv kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ippubblikat min-Nutar Clyde La Rosa fis-26 ta’ Gunju, 1991. Bis-sahha ta’ dak il-kuntratt, il-konvenut Vincent Albert Muscat, allura kap tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu, l-appellata Esther Muscat, kien ikkostitwizza ruhu debitur veru, cert u likwidu favur il-bank attur fis-somma ta’ Lm21,040. Dik l-Ittra Ufficjali kienet notifikata lir-ragel biss, peress li dak iz-zmien, ir-ragel kien jirrapprezenta wahdu l-komunjoni tal-akkwisti. L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta, wara li osservat li ghalkemm in-notifika tal-Ittra Ufficjali lill-mara ma kienetx necessarja fis-sena 1993, din saret zgur necessarja fl-2007, id-data meta allura ghall-ewwel darba qed jintalab li tali titolu jigi rez esekuttiv anke fil-konfront tal-mara.

Il-Bank appella minn din is-sentenza u sottometta li la darba n-notifika, bil-mod li saret fl-1993 kienet valida ghal kull fini u effetti tal-ligi, ma hux mehtieg li, illum, snin wara, il-mara tigi notifikata bl-istess Ittra Ufficjali.

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Bank appellant. Fl-1991, meta gie ppubblikat il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu, u fi Frar 1993, meta gietipprezentata l-Ittra Ufficjali li rrendiet ezekuttiv it-titolu li johrog mill-kuntratt, il-posizzjoni kienet li dak li jaghmel ir-ragel jorbot il-komunjoni tal-akkwisti anke ghal dak li jirrigwarda sehem il-mara mill-istess. Din il-Qorti fil-kawza **Mallia et. v. Anastasi et.**, deciza fl-1 ta’ Ottubru, 2004, qalet li qabel l-1 ta’ Dicembru, 1993:
“Ir-ragel kien jamministra l-komunjoni tal-akkwisti wahdu in omagg tal-principju li *maritus vivit ut dominus, moritur ut*

*socius* u li *uxor non est socia sed speratur fare*. Il-kontroll tar-ragel kien assolut, tant li gie li kien jissejjah kap u padrun tal-komunjoni. Il-proprjeta` parafernali tar-ragel u l-proprjeta` tal-komunjoni kienu konfuzi flimkien tant li r-ragel ghal tul il-hajja tal-komunjoni kien jitqies bhala l-proprjetarju tal-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti (ara per ezempju d-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza "Debono v. Mercieca" riportata fil-volum xxxiv.ii.503)."

Kwindi, meta l-Ittra Ufficjali tal-15 ta' Frar, 1993, giet debitament notifikata lill-konvenut Vincent Albert Muscat, din serviet biex irrendiet ezekuttiv il-kuntratt tal-1991, vis-a-vis il-komunjoni tal-akkwisti <u>kollu</u>, inkluza dik il-proprjeta` li sussegwentement, b'sentenza ta' separazzjoni personali bejn il-konvenuti Muscat moghtija fil-15 ta' Ottubru, 2002, giet assenjata lill-istess konvenuta Esther Muscat bhala li tirrapprezenta sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Dik l-Ittra Ufficjali, skond il-ligijiet allura vigenti, tat lill-bank attur titolu ezekuttiv fil-konfront tal-konjugi Muscat, u la darba dak it-titolu gie validament akkwistat, ma hi mehtiega ebda procedura ohra biex tirrendih effikaci. <u>Issa</u>, li qed tintalab l-esekuzzjoni ta' dak it-titolu wara li skadew hames (5) snin fuq l-akkwist tat-titolu originali, hu mehtieg li tigi segwita l-procedura l-gdida li tirrekjedi notifika kemm lir-ragel kif ukoll lill-mara; fil-fatt, il-bank attur ipproceda b'dawn il-proceduri wara notifika liz-zewg persuni konjugi Muscat.

Kwindi, proceduralment, il-bank mexa b'mod korrett u ma hux mehtieg li jsiru "notifiki" ohra kif irragunat l-ewwel Qorti.

Hu veru li fl-1991, meta gie pubblikat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, il-konjugi Muscat kienu gia` separati *de facto* (fil-fatt il-proceduri ta' separazzjoni bdew fl-1990), izda il-komunjoni tal-akkwisti ma tigix fi tmiema bl-inizjar tal-proceduri ta' separazzjoni, izda wara decizjoni tal-Qrati fuq hekk, li, kif inghad, inghatat f'Ottubru tal-2002 (ara **Aquilina v Aquilina**, deiciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Settembru, 1987). F'dak il-mument, il-Bank

illum appellant kien diga` akkwista titolu ezekuttiv fil-konfront taz-zewg appellati.

Esther Muscat tghid li l-kuntratt tas-26 ta' Gunju, 1991, huwa null peress li f'Mejju tal-1990, kienet ottjeniet mandat ta' inibizzjoni li in forza tieghu zewgha gie projbit, fost affarijiet ohra, milli jaghmel xi dejn a karigu tal-komunjoni tal-akkwisti. Apparti l-fatt li d-dejn ma nholoqx bil-kuntratt tal-1991 (id-dejn kien rizultat ta' *overdraft facilities* li nghataw lill-konjugi f'diversi snin precedenti, u l-kuntratt ta' Gunju, 1991, gie pubblikat biss biex jikkonsolida l-ammont dovut lill-bank), la darba it-"titolu" jezisti (u dan peress li, sallum, ghadu ma giex attakkat bi proceduri appoziti), f'kawza ghall-awtorizazzjoni tal-ezekuzzjoni ma jistghux jigu sollevati kwistjonijiet li jolqtu l-meritu tat-titolu. It-titolu invokat ma jistax, fi proceduri bhal dawk prezenti, jerga' jinfetah ghad-diskussjoni. Wiehed jista' jressaq provi biss dwar dak li jkun sehh wara l-akkwist tat-titolu bhal dik li taghha qeghda tintalab it-tigdid tal-ezegwibbilita`.

Kif osservat tajjeb il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Cassar v. Zarb**, deciza fit-23 ta' Ottubru, 2004:
"bhala regola, azzjoni bhal dik li ghandha quddiemha l-Qorti hawnhekk ma tipprezenta l-ebda diffikulta` u dan ghaliex ir-rimedju mahsub fil-ligi ghall-qawmien mill-gdid ta' titolu ezekuttiv li jkun baqa' mhux ezegwit wara li jghaddu hames snin huwa rimedju x'aktarx tekniku. Kemm hu hekk, huwa accettat li l-ezami wahdieni li ghandha taghmel il-Qorti f'kawza bhal din huwa li tistharreg u taccerta ruhha li l-istess titolu ezekuttiv jezisti tassew u li l-ammont kononizzat jew xi bilanc minnu ghadu ma ngabarx."

F'dan il-kaz, jirrizulta li t-titolu reklamat jezisti u li d-dejn ghadu ma thallasx. Kwindi, it-talba tal-bank attur timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Bank of Valletta plc billi tilqa' l-istess, tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens kif mitlub fir-rikors ta' appell tat-2 ta' Lulju 2007, u b'hekk tghaddi biex

tilqa' t-talba tal-istess Bank fl-interezza taghha kif mitlub fir-rikors tat-22 ta' April 2005.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu miz-zewg konvenuti *in solidum*, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu mill-appellata Esther Muscat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------